

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Hanf, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Raizers (Pariġi) (rappreżentant: E. Fortunet, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Mejju 2017 (Każ R 1606/2016-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Raizers u Raise Conseil.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Raise Conseil hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 330, 2.10.2017.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' April 2018 – Allegropharma vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-354/15) <sup>(1)</sup>

*(“Rikors għal annullament — Għajjnuna mill-Istat — Skema ta' għajjnuna li tipprevedi l-għoti ta' deroga mit-tnaqqis obligatorju fuq ċerti prodotti mediċinali — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajjnuna kompatibbli mas-suq intern — Nuqqas ta' inċidenza individwali — Att li jinkludi miżuri ta' eżekuzzjoni — Inammissibbiltà”)*

(2018/C 221/29)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Allergopharma GmbH & Co. KG (Reinbek, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Müller-Ibold, u F.-C. Laprévotte, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Herrmann u T. Maxian Rusche, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Bencard Allergie GmbH (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Fiegler, avukat)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1300 tas-27 ta' Marzu 2015 dwar l-iskema ta' għajjnuna –Għajjnuna lil kumpaniji farmaċewtiċi Ġermaniżi f'diffikultajiet finanzjarji permezz tal-eżenzjonijiet mir-roħs mandatarju SA.34881 (2013/C) (ex 2013/NN) (ex 2012/CP) (ĠU 2015, L 199, p. 27).

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

2) Allergopharma GmbH & Co. KG għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

3) Bencard Allergie GmbH għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 328, 5.10.2015.

---

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' April 2018 – Winkler vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-916/16) <sup>(1)</sup>

*(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Trasferiment ta’ drittijiet nazzjonali tal-pensjoni — Proposta ta’ akkreditazzjoni tas-snin ta’ servizz — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Att li ma jikkawżax preġudizzju — Inammissibbiltà manifesta”)*

(2018/C 221/30)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrent: Bernd Winkler (Grange, l-Irlanda) (rappreżentant: A. Kässens, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Bohr u L. Radu Bouyon, aġenti)

#### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tan-nota tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2016 dwar proposta ta' akkreditazzjoni tas-snin ta' servizz li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fl-iskema tal-pensjoni tal-instituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, meta ssir talba għal trasferiment ta' drittijiet tal-pensjoni li jkunu ġew akkwistati mir-rikorrent qabel id-dħul tiegħu fis-servizz tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, għar-riżarċiment tad-danni allegatament subiti mir-rikorrent minħabba illegalitajiet mwettqa mill-Kummissjoni waqt l-ipproċessar tal-imsemmija talba għal trasferiment.

#### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Bernd Winkler huwa kkundannat għall-ispejjeż.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 46, 13.2.2017.

---

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Mejju 2018 – Siberian Vodka vs EUIPO – Schwarze und Schlichte (DIAMOND ICE)

(Kawża T-234/17) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Unjon Ewropea — Trade mark verbali DIAMOND ICE — Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea preċedenti DIAMOND CUT — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Rikors manifestament infondat fid-dritt”)*

(2018/C 221/31)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrenti: Siberian Vodka AG (Herisau, l-Isvizzera) (rappreżentant: O. Bischof, avukat)